MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2014

Numru. 784/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Chris Pullicino)**

**Vs**

**STEPHEN GALLI**

**IL-QORTI**;

**Rat li l-imputat** Stephen Galli ta' 48 sena bin John u Carmen nee' Ellul, imwieled Washington fit-22 ta' Awissu, 1964 u joqghod 17, Triq San Girgor, Sliema detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 191009L gie akkuzat talli :

Nhar id-19 ta' April, 2012 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minn gewwa l-hanut bl-isem 'Borshka' sitwat fi Triq Bisazza f'Tas-Sliema ghad-dannu ta' Dorothy Agius u/jew persuna/i ohra;

**U aktar talli** f'l-istess data, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li tikkommetti delitt ta' serq, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ta' nuccali minn gewwa l-hanut 'Sunlab' sitwat f'Bisazza Street, Sliema ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghek u li kieku sehh kien ikun aggravat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-Ewro u kien ikun ghad-dannu ta' Hose Borg u/jew persuna/i ohra;

**U aktar talli** gewwa l-hanut 'Sunlab' f'Bisazza Street Tas-Sliema, fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'nuccali li kien ghall-bejgh fl-istess hanut ghad-dannu ta' Hose Borg u/jew persuna/i ohra liema hsara hija ta' aktar minn minn €116.47 izda ma tiskorrix €1164.69.

**U aktar talli** fil-granet ta' qabel id-19 ta' April 2012, xi hin matul il-gurnata u minn gewwa hanut b'isem mhux maghruf izda sitwat f'Bisazza Street, Tas-Sliema ikkommettejt serq ta' hwejjeg godda ghad-dannu ta' peruna/i mhux maghrufa;

**U aktar talli** fil-granet ta' qabel id-19 ta' April 2012, xi hin matul il-gurnata u minn gewwa hanut b'isem mhux maghruf sitwat fil-Belt Valletta ikkommettejt serq ta' nuccali tad-ditta 'Rayban' ghad-dannu ta' persuna/i mhux maghrufa;

**U aktar talli** fid-19 ta' April 2012 u fil-granet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, nqast milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'zewg digrieti separati moghtija mill-Magistrat Dr.D.Clarke LL.D u iehor minn Dr.N.Camilleri LL.D

fejn int kont inghatajt il-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht il-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlus mill-arrest.

U fl-ahharnett talli fl-istess data, u cirkostanzi, irrendejt ruhek recediv ai temini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kont inti kont gia gejt misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-17 ta` Settembru 2012 sabiex dan il-kaz jgi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat li, fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2014, wara l-qari ta` l-akkuzi bil-gurament u waqt l-ezami, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, f'liema ammissjoni huwa baqa jippersisti anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u tad-difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Sorvolata l-kwistjoni tar-reita`, stante l-ammissjoni inkondizzjonata ta` l-imputat ghar-reati kollha addebitati, issa jmiss l-istadju tal-piena. F'dan il-kuntest, din il-Qorti qieset, *inter alia*, l-ammissjoni ta` l-imputat qabel ma bdew jinstemghu il-provi – ammissjoni li allura ghandha titqies bhala wahda bikrija; il-gravita` tar-reati – is-serq ripetut, waqt li l-imputat kien qed igawdi mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lilu fi proceduri ohra penali, separati u distinti mill-kaz odjern, u l-fatt tar-recidiva. Harsa lejn il-fedina penali ta` l-imputat esebita in atti hi bizzejjed biex wiehed jifhem minnufih li l-imputat ilu zmien twil ghaddejj jikser difrejh mal-gustizzja w inghata bizzejjed opportunitajiet minn dawn il-Qrati.

Jekk l-imputat ghandu l-problema ta` l-abbuz ta` droga u/jew sustanzi ohra, jehtieg kemm jista jkun malajr jitlob l-ghajnuna. U wara li din il-Qorti semghatu jaghmel xi sottomissjonijiet fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2014, wara li irregistra ammissjoni, hi tal-fehema li l-hati issa jehtieg jieqaf iwahhal f'kulhadd minbarra fih innifsu, ghal dak li ilu ghaddej minnu, ghaliex wara kollox, fl-eta` ta` hamsin (50) sena imissu jaf u japprezza bizzejjed illi dak li ghamel (u ilu jaghmel) u li a bazi tieghu ingieb quddiem din il-Qorti, huwa hazin, kontra l-ligi, u jehtieg allura li tinghata piena kkalibrata b'tali mod li tkun tirrifletti dawn ic-cirkostanzi kollha rizultanti.

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 32, 41, 49, 50, 261, 267, 279(a), 289, 325(1)(b) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat Stephen Galli hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------